*MINUTI*

*KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ*

*IL-HAMES LEĠISLATURA*

*LAQGĦA NUMRU WIEHED U ERBGHIN (KONTINWAZZJONI)*

*8 ta' Jannar, 2008*

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.05 ta' filgħaxija.*

*PREŻENTI*

*Is-Sindku Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona, l-Kunsillier Joseph D'Amato, l-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Raymond Grixti.*

*UFFIĊJAL PREŻENTI*

*Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*SKUŻATI*

*Il-Kunsillier Claudio Zammit u l-Kunsillier Melvyn Mangion.*

*MINUTI*

*Il-Sindku Igantius Farrugia ppresjeda.*

***41.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

*41.1.1 Il-Membri nnotaw ir-rapport dwar il-korrispondenza kollha riċevuta u mibgħuta sad-29 ta' Novembru, 2007, li kopja tiegħu hi anessa ma' dawn il-Minuti bħala dokumenti 'A' u 'B'.*

*41.1.2 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni li l-attivitajiet li ttellgħu għall-anzjani kienu ta' suċċess.*

*41.1.3 Il-Kunsill approva li jidħol fi ftehim ma' kumpanija sabiex jiġi nstallat bus shelter bil-venda tat-trasport pubbliku, fejn kien hemm qbil li dan isir mingħajr l-ebda obbligu ta' ħlas filwaqt li*

*l-kumpanija jkollha d-dritt li tagħmel riklamar fuqu mingħajr ebda obbligu ta' ħlas lil Kunsill.*

*41.1.4* *Il-Viċi Sindku Silvio Izzi Savona daħal għal-laqgħa. (6.10pm)*

*41.1.5* *Wara li l-Kunsill ra l-applikazzjonijiet li rċieva għall-ingaġġ ta' Skrivan/a Part Time, kien hemm qbil unanimu li ma kien hemm l-ebda applikant li jissodisfa l-kriterji mitluba tal-kunsill, partikolarment fl-accounts, u għalhekk kienet ser issir talba lil Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ sabiex tipprovdi iktar kandidati u talba biex tkun tista ssir sejħa pubblika.*

*41.1.6* *Il-Kunsill qabel ukoll li jaħtar bord ta' l-għażla li jkun jista jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu li jkun kompost mis-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Mario Ellul u l-Kunsillier Joseph D'Amato.*

***41.3*** ***Progetti Kapitali***

***41.3.1*** *Il-Kunsill kien infurmat li Triq iċ-Ċombini kien intlaħaq ftehim dwarha u kienet fil-proċess li tingħata t-tarmakk.*

***41.3.2*** *Fir-rigward ta' Triq il-Warda u Triq San Gwann, il-Kunsill kien infurmat li dawn tlestew.*

***41.3.3*** *Dwar Triq is-Sindku, il-Kunsill kien infurmat li kien inbeda x-xogħol fiha ukoll u l-għoti tat-tarmakk kien ser isir meta jsiru t-testijiet fuq il-mejn il-ġdid tal-ilma.*

***41.3.4*** *Fir-rigward ta' Triq il-Qrendi, l-Kunsill kien infurmat li nbeda l-proċess tal-akkwist tal-permessi sabiex din ukoll tingħata wiċċ ġdid bit-tarmakk.*

***41.3.5*** *Il-Kunsill kien infurmat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien approva t-talba tal-kuntrattur Bitmac Limited għaż-żieda fir-rati kif pprovdut fil-kuntratt li għandu mal-Kunsill.*

***41.3.6*** *Wara li l-Kunsill ikkunsidra talba mingħand Bitmac Limited sabiex jingħata s-somma ta' Lm 1019.32c aktar għax-xogħol li wettaq fi Triq Stefano Zerafa, liema somma toħroġ miż-żieda li kien hemm fix-xiri tal-materjal, ma approvax tali talba peress li din kienet relatata ma' xogħol li sar qabel l-approvazzjoni tad-Dipartiment, u wara li l-kuntrattur kien ippreżenta it-talba ta' ħlas.*

***41.3.7*** *Fir-rigward tax-xogħlijiet relatati mat-titjieb fil-bandli ta' Triq Carmelo Caruana, l-Kunsill kien infurmat li nbeda x-xogħol u l-Kunsill kien approva li x-xogħlijiet tal-wiċċ tal-play area jsiru bis-sistema imprint u li dan mhux ser ifisser żieda fil-prezzijiet.*

*41.3.8* *Fir-rispett tal-bankina fi Triq Bubaqra, l-Kunsill kien infurmat li l-MEPA kienet għadha ma tatx il-konferma uffiċċjali tagħha li l-art inkwistjoni hi waħda pubblika u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna tali konferma bil-miktub.*

***41.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Offerta Manutenzjoni ta' Bankini, Ħitan ta' Lqugħ u Kanali għall-Ilma tax-Xita***

*41.4.1* *Il-Kunsill kien ipprezentat bir-rapport tal-Contracts Manager dwar l-offerta li hu aness ma' dawn il-Minuti bħala dokument "C".*

*41.4.2* *Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar il-punti mqajjma, fejn kien innotat li l-Contracts Manager ma ta l-ebda rakkomandazzjoni finali iżda semma li l-kuntrattur Silvar Construction & Services Ltd. kien l-irħas imma kellu dokumenti nieqsa fl-offerta kif ukoll li l-offerta ta' Asfaltar Limited kienet kompluta iżda minn eżerċizzju li għamel irriżulta li hu aktar għoli.*

*41.4.3* *Kien ukoll diskuss illi l-Kunsill għandu jimxi mal-prattika li bejn żewġ offerti tal-istess kwalita jmur għall-irħas offerent.*

*41.4.4* *Ta relevanza fir-rapporti tal-Contracts Manager kien ukoll imsemmi mill-Kunsill li qed issir rakkomandazzjoni minnhu li jkun min ikun il-kuntrattur magħżul jiġi mitlub li jaċċetta rati bil-prezzijiet iffistati ta' xogħlijiet li ma kienux inkluża fl-offerta peress li dawn huma ta' ħtieġa sabiex ikunu jistgħu jitwettqu x-xogħlijiet relatati magħha.*

*41.4.5* *Il-Kunsillier Mario Ellul talab li jiġi rreġistrat li qed jiddissasoċja ruħu minn kull aspett finananzjarju peress li jħoss li għandu jkun hemm direzzjoni aktar ċara dwar l-aġġudikazzjoni, anke bl-involviment tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.*

*41.4.6* *Kien ukoll diskuss mill-Kunsill jekk hux releventi li jkompli bid-diskussjoni dwar din l-offerta u jekk għandux jasal għall-aġġudikazzjoni tagħha.*

*41.4.7* *Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:*

*41.4.8* *"Il-Kunsill jaqbel li għandu d-dritt kollu li jasal għall-aġġudikazzjoni tal-offerta peress li għandu rapport tekniku u għaldaqstant kif jirriżulta mill-istess rapport, l-offerta ta' Silvar Construction & Services Ltd. hi l-irħas waħda, u għalhekk jaġġudika l-offerta lil din il-kumpanija iżda l-aġġudikazzjoni tkun valida jekk Silvar Contruction & Services Ltd. tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha li għandha nieqsa kif*

*ukoll taċċetta r-rati kollha proposti fir-rapport tal-Contracts Manager għal xogħlijiet oħra bżonnjużi taħt l-iskop tal-offerta. "*

***41.4.9*** *Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u għaddiet b'erbgħa voti favur u wieħed kontra.*

***41.4.10*** *Wara talba għal division tal-vot, irriżulta li l-voti favur kienu tas-Sindku, l-Viċi Sindku, l-Kunsillier Joeph D'Amato u l-Kunsilier Raymond Grixti filwaqt li l-vot kontra kien tal-Kunsillier Mario Ellul.*

***41.4.11*** *F'dan l-istadju l-Kunsillier Mario Ellul informa li uffiċjalment kien qed jitlob lil Kunsill u ser jagħmel talba lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex issir investigazzjoni dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerta.*

### *41.5 Mistoqsijiet lis-Sindku*

*41.5.1 Is-Sindku, bi bqil mal-interpellant, informa lil Kunsill li t-tweġibiet għal mistoqsijiet magħmula minnhu kienu ser jingħataw fis-seduta li jmiss.*

### *41.6 Estenzjonijiet ta Kuntratti*

*41.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill li dawn il-kuntratti kellhom bżonn deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estenzjoni tagħhom:*

*RC67/05/05 – Street Sweeping & Cleaning Services*
*ML67/06/05 – Maintenance of Public Garden Lighting System and Ancillery Service*
*PKG67/08/05 – Hortocultural Works and 8 Public Gardens*
*RP67/01/07 – Maintenance of Access Roads and Access Only and Pedestrian Streets – Patching*
*SA67/02/07 – Upkeep & Maintenance of Soft Areas within 'Access Roads' and 'Access only and Pedestrian Streets'*

*41.6.2 Is-Sindku Igantius Farrugia ressaq din il-mozzjoni:*

*41.6.3 "Il-Kunsill jaqbel li l-kuntratti msemmija jiġu estiżi għal perjodu stipulat fil-kuntratti rispettivi tagħhom. "*

*41.6.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Raymond Grixti u approvata unanimament.*

***41.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjoni: Xogħlijiet, Servizzi u Attivitajiet***

*41.7.1 Il-Kunsill approva x-xiri ta' purtieri għas-sala tal-Kunsill mingħand B4 Textiles Limtied.*

*41.7.2 Il-Kunsill kien infurmat li d-delegazzjoni tiegħu li se tiffirma l-ġemellaġġ ma' Angermunde se tkun magħmula mill-Kunsillier Mario Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv fejn kienu approvati l-ispejjeż kollha neċessarji, nkluż ix-xiri ta' rigali, il-vjaġġi ta' l-ajru u s-subsistance allowence lid-delegazzjoni.*

*41.7.3 Il-Kunsill kien ukoll infurmat li ser isiru diskussjonijiet mal-Kunsill ta' Angermunde fuq diversi proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja.*

*41.7.4 Il-Kunsill approva li tinbidel il-bankina quddiem Sqaq il-Ħelu sabiex din issir aktar għolja.*

*41.7.5 Il-Kunsill qabel li jerġa jitlob soluzzjoni mingħand il-Contracts Manager dwar il-problema ta' ilma fi Triq San Bartilmew peress li l-proposta tiegħu għal tpoġġija bi prova ta' sleeping policeman fi Triq Alessandru tidher li ser tafettwa ħażin lil residenti oħra fl-istess inħawi.*

*41.7.6 Is-Sindku Ignatius Farrugia ħalla l-laqgħa f'dan l-istadju. (8.25pm)*

*41.7.7 Il-Viċi Sindku ppresjeda.*

*41.7.8 Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Għaqda Karmelita u Banda Queen Victoria għas-self ta' arbli għaż-żminijiet tal-Milied.*

*41.7.9 Il-Kunsill approva li parti minn Triq il-Qroll tingħata wiċċ bil-qatran u ramel.*

*41.7.10 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-kuntrattur Penza Construction sabiex possibiliment jinqatgħu il-kontravenzjonijiet li għandha din il-kumpanija billi jsir xogħol fit-toroq fiż-Żurrieq.*

*41.7.11 Il-Kunsill qabel li jinxtraw tletin pjanta sabiex isiru fis-soft area fi Triq Dun Guzepp Zammit, fejn l-istima għal dawn ix-xogħlijiet kienet tlaħħaq għal madwar 900ewro.*

*41.7.12 Il-Kunsill, wara diskussjoni, qabel li għandu jibagħat komunikat finali lil diversi ministeri li baqgħu ma tawhx risposta għal laqgħa dwar diversi proġetti kapitali tal-Gvern li qegħdin jew għandhom jitwettqu fiż-Żurrieq.*

41.7.13 *Il-Kunsill qabel li ghandu jitwaħħal bank fi Triq il-Barreri.*

41.7.14 *Il-Kunsill ma qabilx ma proposta li jsir konkos fil-parti bil-ħamrija tas-soft areas fi Vjal il-Blu Grotto, peress li ma għandux mezzi finanzjarji.*

41.7.15 *Il-Kunsill approva li ssir sleeping policeman fis-service road ta' Vjal il-Blu Grotto.*

41.7.16 *Il-Kunsill approva li jsir tindif ħejn il-kapella ta' Ħal Millieri.*

41.7.17 *Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex isir bus stop fl-awkati tal-Mitħna tax-Xarolla u ieħor fi Vjal il-Blu Grotto quddiem il-ħanut Ctronics.*

41.7.18 *Il-Kunsill approva x-xiri ta' mejda ġdida għal laqgħat tal-Kunsill peress li hu kkonfermat li għal legislatura li jmiss dan il-Kunsill ser ikun kompost minn disa membri.*

41.7.19 *Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-10.15 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum __ ta' Frar, 2008*

| | |
|---|---|
| *Ignatius Farrugia* | *Adrian Mifsud* |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |